**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2019 – Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-391/17)** ([1])

***("Dritt istituzzjonali – Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej – Protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali u lingwistiċi – Tisħiħ tad-diversità kulturali u lingwistika – Reġistrazzjoni parzjali – Prinċipju ta' attribuzzjoni ta' kompetenzi – Assenza ta' nuqqas manifest ta' kompetenzi leġiżlattivi tal-Kummissjoni – Obbligu ta' motivazzjoni – Artikolu 5(2) TUE – Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 – Artikolu 296 TFUE")***

(2019/C 413/50)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Rumanija (rappreżentanti: inizjalment minn R. Radu, C.-M. Florescu, E. Gane u L. Lițu, sussegwentement minn C.-M. Florescu, E. Gane, L. Lițu u C.-R. Canțăr, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Krämer, L. Radu Bouyon u H. Stancu, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-kovenuta:* L-Ungerija (rappreżentanti: M. Fehér, G. Koós u G. Tornyai, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/652 tad-29 ta' Marzu 2017 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġġib l-isem "Minority SafePack – miljun firma għad-diversità fl-Ewropa" (ĠU 2017, L 92, p. 100).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Rumanija għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi l-ispejjeż marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.*

3) *L-Ungerija għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

([1]) ĠU C 269, 14.8.2017.